# RADJU MARIJA

102.3FM/107.8FM

***Programmi - Rebbiegħa 2024***

# Sens...
# *fejn kollox bla sens!*



**Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni Radju Marija (Malta)**
**Nru 107 - VO/1584**
April - Ġunju 2024

**Skeda Ġdida Paġna 6-7**

**Radju Marija miegħek 24/7 - www.radjumarija.org/listen-live**

# Sens fejn kollox bla sens!



"L-awtur GK Chesterton sejjaħ is-seklu li kellu jiġi u li aħna issa qegħdin fih bħala seklu bla sens.
Huwa ħabbar li dan kellu jkun seklu bla Alla mela kollox jinbidel kuljum, skont il-bniedem kif ikun u kif iħossu u għalhekk xejn ma jagħmel sens għax kollox il-ħin kollu jinbidel għax ma hemm xejn assolut għax m'hemmx Ħallieq.
Fil-ktieb tiegħu fuq San Tumas ta' Aquinu jikteb li dan kien filosofu u teologu kbir mhux għax tkellem tqil imma ħafif, għaliex Chesterton jgħid li dan il-qaddis la kien iħobb il-paroli fil-vojt imma lanqas diskors għoli għax Aquinu ried li bħalma Ġesù inkarna ruħu u sar bniedem biex jitkellem mal-bniedem ta' kuljum, fi triqtu u fil-ħajja ta' kuljum, hekk ukoll dan id-duttur tal-Knisja ried jispjega l-fidi tagħna lill-bniedem ta' kuljum u għalhekk li jisjega bi kliem dirett dak li xi kultant ma nistgħux nifhmu b'mod dirett.
Radju Marija jipprova kemm jiflaħ biex dak li hu etern u 'l fuq minna jispjegah bil-kliem u l-esperjenza ta' dawk li jħossu fihom ħafna mill-voluntiera tagħna, fil-mixja tal-fidi tagħhom.
Grazzi tal-għajnuna tagħkom biex ikun hawn vuċi li dejjem ixxandar dak li hu tas-sema qalb ħafna li moħħhom f'dak li hu tal-art. Grazzi, għax hekk nibqgħu nxandru verità qalb ħafna gideb, serħan qalb nuqqas ta' sabar, imma fuq kollox li nxandru bis-sens qalb diskors bla sens, kelma tajba qalb kliem imħawwad, kliem ta' tama ta' dejjem qalb kliem ta' bla tama u qtigħ il-qalb.
Grazzi tal-ġenerożita' tagħkom għax ħafna sabu u qed isibu sens f'ħajjithom qalb ħajja bla sens.

Fr Antoine Borg
*Direttur Radju Marija Malta*



# Hu Qam mill-Mewt

# Seminar ta' Radju Marija 2024

Fis-27 ta' Jannar ta' din is-sena sar seminar imtella' minn Radju Marija fis-seminarju tal-Virtu' r-Rabat.

Dan kien intenzjonat għall-istaff, prodjusers u voluntiera li jgħinu regolari lil Radju Marija.

Bdejna b'quddiesa fil-kappella, u qaddsu għaliha Dun Victor Degabriele u Mons Renato Borg.

Wara kellna nofs ta' nhar tagħlim mill-mistieden Dun Renato Borg.
Ħin ukoll allokat għall-esperjenzi u mistoqsijiet kompla żied l-interess tal-laqgħa.

Spiċċajna l-ġurnata flimkien b'ikla f'atmosfera fraterna ħafna.













RADJU MARIJA
fid-dar tiegħek"



RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

# Skeda Programmi Rebbiegħa 2024
## *(April - Ġunju 2024)*

| ĦIN | TNEJN | TLIETA | ERBGĦA | ĦAMIS | ĠIMGĦA | SIBT | ĦADD |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7.00am | Rużarju, Quddiesa u Anġelus | | | | | | 7.30: Jum il-Mulej |
| 8.05am | Kuntatt, Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi | | | | | | (8.15am) Tifħir ta' Sbieħ il-Jum |
| 9.00am | Lectio Divina / Milli Qrajt / ikompli Kuntatt | | | | | | (8.40am) Aħbar ta' Ferħ |
| 9.30am | | Għalik kollox | | | | | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 10.00am | ikompli Kuntatt | Mid-Direttur | ikompli Kuntatt | | | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca | Quddiesa |
| 11.00am | Confessio | Ġesù Kristu: Sfida u Stedina | Ftit minn kollox | Nibnu u ngħixu kultura tal-ħajja | L-Aħħar Qatra | Mid-Djarju tal-Papa (rpt) | Kireh u Bileh (rpt) |
| 12.00pm | Anġelus, Rużarju u Talb ta' nofs il-Jum | | | | | | |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Mikiel |
| 1.00pm | Klassiċi u Sagri (rpt) | Mal-Melodija Maltija | Tifkiriet ta' Nostalġija | L-Armonija fl-għanja Nisranija | Għannu lil ismu | Magazine | Mal-Melodija Maltija (rpt) |
| 2.00pm | Jien hu l-Ħobż tal-Ħajja | Qari - Il-Ġurnal tar-ruħ | Qari -It-Tmiem u l-ħniena lejn l-erwieħ | Il-Miraklu ta' Radju Marija | (2.10pm) Qari - Il-Kapuċċin tal-Pjagi | | Ħadd Kumpanija |
| 2.30pm | | Relazzjonijiet | Kelmet il-Missirijiet tal-Knisja | Relazzjonijiet | | | |
| 3.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30pm | Omelija mill-Arċidjoċesi ta' Malta | | | | | Riflessjonijiet | Ħadd Kumpanija (ikompli) |
| 4.00pm | Fl-iskola ta' San Piju | Il-Milja tal-Familja (rpt) | Mothers Prayers | Mid-Djarju tal-Papa | Ejjew u taraw..u marru u raw | Kireh u Bileh | |
| 5.00pm | Duwa fuq il-ġrieħi (A) | Ejjew għandi..u jien inserraħkom | Għal ħajja aħjar | Deheb u fidda | Xhieda ta' fidi, martri ta' żmienna | Għandi lilek, għandi kollox | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati |
| 5.30pm | Lectio Divina / Milli Qrajt (rpt) | | | | | | |
| 6.00pm | Anġelus u Rużarju | | | | | | |
| 6.30pm | Quddiesa | | | | | | Il-Qrar ifejjaq l-imrar |
| 7.10pm | Għasar | | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6.30pm | Quddiesa | | | | | | Il-Qrar ifejjaq l-imrar |
| 7.10pm | Għasar | | | | | | |
| 7.25pm | Aħbarijiet minn Radju Vatikan | | | | | Ħsibijiet | Qari Skrittura |
| 7.40pm | In-Novena | | | | | | |
| 8.00pm | Il-Milja tal-Familja | Tweġiba Kattolika | Ara Ommok | Kont marid u ġejtu żżuruni | Għani fil-Ħniena (Arkivji) | Aħbar ta' ferħ | Magazine (rpt) |
| 9.00pm | Inbid Ġdid | | Għajn ta' Ġid | Mis-Swali tal-Kunċerti | Vuċi Missjunarja | Klassiċi u Sagri | |
| 9.30pm | | | | | | | |
| 10.00pm | Rużarju, Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi, Eżami tal-ġurnata u Kompieta | | | | | | |
| 11.00pm<br>11.30pm | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca (rpt) | Confessio (rpt) | Ġesù Kristu: Sfida u Stedina (rpt) | Fanal għal riġlejja (lectio Divina) rpt | Mid-Direttur (rpt) | Nibnu u ngħixu kultura tal-Ħajja (rpt) | Jum il-Mulej (rpt) |
| | **TLIETA** | **ERBGĦA** | **ĦAMIS** | **ĠIMGĦA** | **SIBT** | **ĦADD** | **TNEJN** |
| 12.00am | Għandi lilek, għandi kollox (rpt) | Klassiċi u Sagri (rpt) | Jien hu l-ħobż tal-Ħajja (rpt) | Tifkiriet ta' Nostalġija (rpt) | L-Armonija fl-għanja Nisranija (rpt) | Għannu lil ismu (rpt) | Mis-Swali tal-Kunċerti (rpt) |
| 1.00am | Qari - Id-devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka (rpt) | Qari Skrittura (rpt) | Duwa fuq il-ġrieħi (rpt) | Kelmet il-Missirijiet tal-Knisja | Għal ħajja aħjar (Taħdita minn Kuntatt) | Deheb u fidda (rpt) | Qari - Il-Ġurnal tar-ruħ (rpt) |
| 1.30am | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju ta' San Ġużepp u Novena | Rużarju tal-Erwieħ u Novena | Rużarju tad-Duluri u Novena | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju tal-Erwieħ u Novena |
| 2.00am | L-Aħħar Qatra (rpt) | Ejjew u taraw...Marru u raw (rpt) | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati (rpt) | Il-milja tal-familja (rpt) | Ġesu Kristu: Sfida u Stedina (rpt) | Vuċi Missjunarja (rpt) | Mothers Prayers (rpt) |
| 3.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30am | Qari - Il-Kapuċċin tal-Pjagi (rpt) | Xhieda ta' fidi, Martri ta' Żmienna (rpt) | Il-Qrar ifejjaq l-imrar (rpt) | Qari -It-Tmiem u l-ħniena lejn l-erwieħ (rpt) | Għalik kollox (rpt) | Ejjew għandi.. U jien inserraħkom (rpt) | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 4.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 4.30am | Magazine (rpt) | Vuċi Missjunarja (rpt) | Fl-iskola ta' S.Piju ta' Pietrelcina (rpt) | Ftit minn kollox (rpt) | Tweġiba Kattolika (rpt) | Kont marid u ġejtu żżuruni (rpt) | Aħbar ta' ferħ (rpt) |
| 5.30am | | Fanal għal riġlejja (Lectio divina) | Inbid Ġdid (rpt) | Għajn ta' Ġid (rpt) | | Qari - Id-devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka | Ara Ommok (rpt) |
| 6.00am | | | | | | Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika | |
| 6.30am | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju tal-Erwieħ |

**Radju Marija jirriserva d-dritt li jbiddel xi programmi minn din l-iskeda fiż-żmien li tkun qiegħda tixxandar minħabba ċirkustanzi li ma jkollux kontroll fuqhom.

**Radju Marija miegħek 24/7 - www.radjumarija.org/listen-live**

# Programmi Ġodda fl-iskeda tar-Rebbiegħa 2024

## Xhieda ta’ Fidi u Martri ta’ Żmienna

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta’ Joe Micallef, flimkien ma’ David Rossi u Lucienne Borg.*

Din is-sensiela ser tittratta dwar il-martri tal-fidi ta' żmienna, bħalma huma Oscar Romero, Titu Brandsma, Jerzy Popieluszko (saċerdot Pollakk maqtul fi żmien il-Komunisti fl-1984), il-martri Kopti tal-ISIS u tant oħrajn. Insemmu l-ambjent li fih għexu, il-pajjiż, il-qagħda soċjali li għexu fiha. Ser jissemma wkoll tagħrif dwar ħajjithom, xi diskors memorabbli tagħhom u xi tagħlima li nistgħu nieħdu mill-ħajja ta' dawn il-martri, uħud minnhom kanonizzati, oħrajn ibbeatifikati u oħrajn inqas magħrufa, bħal Jacques Hamel, saċerdot Franċiż maqtul fin-Normandija fis-sena 2016 minn estremist Musulman.





## Mothers Prayers

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta’ Romina Mifsud*

L-imħabba tal-omm tirbaħ id-dinja. Siegħa ta’ talb għal uliedna mwassal mill-grupp ta’ ommijiet imsejjaħ ‘Mothers Prayers’ li ġie mwaqqaf fl-Ingilterra fl-1995. Dak iż-żmien, żewġ nanniet, Veronica u l-mara ta’ ħuha Sandra, it-tnejn Ingliżi, ħassew xewqa kbira li jitolbu għal uliedhom li kienu għaddejjin minn żminijiet diffiċli. Permezz tat-talb, huma tgħallmu li Ġesù jrid li l-ommijiet jitilqu f’idejh lil uliedhom sabiex Huwa jkun jista’ jmexxilhom ħajjithom u, fl-istess ħin, inaqqas it-tbatijiet tal-ommijiet.

## Deheb u Fidda m’Għandniex

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta’ Joe Fenech*

Dan hu l-kliem li Pietru u Ġwanni qalu lill-magħtub li wara ġie mfejjaq minnhom. Aħna wkoll, deheb u fidda m’għandniex imma għandna teżor wisq aqwa - il-Fidi għażiża tagħna.



## Il-Kapuċċin tal-Pjagi miktub minn Patri Anton Azzopardi

*Qari minn Phyllis Spiteri Lucas*

F'din is-sensiela ta' programmi ser nisimgħu l-istorja, il-kitbiet u l-ġrajjiet marbuta mal-ħajja tal-qaddis, San Piju ta' Pietrelcina.



## Kelmet il-Missirijiet tal-Knisja

*Qari minn Emmanuel u Lilian Cutajar*

F'din is-sensiela ser ikun hemm qari tal-kitbiet tas-Santi Padri dwar temi reliġjużi u teoloġiċi fl-istorja tal-Kristjaneżmu. Dal-kitbiet jinsabu fil-Lezzjonarju tal-Uffiċċju tal-Qari tal-Brevjarju li jingħad kuljum mis-saċerdoti, reliġjużi u anki lajċi fil-Liturġija tas-Sigħat. Dal-qari jkun akkumpanjat b'tagħrif dwar dak il-Padre partikulari li dakinhar isir il-qari ta' kitbietu, talb, riflessjonijiet u kant għall-benefiċċju spiritwali tas-semmiegħa ta' Radju Marija.





## Ġesù Kristu: Sfida u Stedina-

*Preżentazzjoni u produzzjoni tal-E.T. Mons. George Frendo.*

Quddiem Kristu ma tistax tibqa' newtrali. Jew taċċettah, jew twarrbu. Kien hemm min warrbu, saħansitra kien hemm min sallbu. Iżda t-Testment il-Ġdid jurina li ħadd minn dawk li aċċettawh ma sogħob bih, anzi feraħ. Sejħilna "ħbieb". Taċċetta l-ħbiberija tiegħu? Stedina: "Ejjew għandi". Taf għaliex? Biex lilek, li int għajjien u mdejjaq, iserrħek u jferrħek. Einstein qal dwar Ġesù: "Ħadd mhu se jaqra l-Evanġelju mingħajr ma jħoss il-preżenza attwali tiegħu. Il-personalità tiegħu tinħass f'kull kelma tiegħu".



## Il-Milja tal-Familja

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Fr Marco Portelli*

F'din is-sensiela, Fr Marco flimkien ma' facilitators mis-support groups tal-parroċċi u kelliema oħrajn professjonisti ser jiddiskuti l-isfidi relatati mal-familji f'diffikultà u dawk separati, divorzjati u żwieġ null.



Marija,
urina l-għażliet tal-ħajja,
farrağna fi żmien il-prova.
ħalli b'hekk fidili lejn
Alla u lejn il-bniedem,
naffrontaw b'umiltà, u b'kuraġġ
it-triqat misterjużi tas-sema,
biex inwasslu f'moħħ u f'qalb kull
persuna l-aħbar it-tajba ta'
Kristu Redentur tal-bniedem.
Marija, kewba tal-evanġelizzazzjoni,
imxi magħna,
mexxi lil Radju Marija
u kun il-protettriċi tiegħu.

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

# *Grazzi tas-sapport tiegħek lil Radju Marija!*

## *Biex tgħin lil Radju Marija jkompli l-missjoni tiegħu ta' evanġelizzazzjoni, inti tista':*

Tħalli d-donazzjoni tiegħek fir-reception ta' Radju Marija -
40, Triq San Vinċenz Ferreri, ir-Rabat, Malta, fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Tibgħat donazzjoni b'sms:
5061 8063 għal donazzjoni ta' €4.66
5061 9278 għal donazzjoni ta' €11.65

Tibgħat donazzjoni billi ċċempel:
5160 2046 għal donazzjoni ta' €10.00
5170 2019 għal donazzjoni ta' €15.00
5180 2047 għal donazzjoni ta' €25.00
5190 2091 għal donazzjoni ta' €50.00

Tibgħat ċekk pagabbli lil Radju Marija Malta -
40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat, RBT 2503

Tiddepożita donazzjoni fil-kontijiet ta' Radju Marija f'dawn il-banek:

**BOV IBAN:**
MT09VALL2201 3000 0000 1460 9142 012
Numru tal-Kont: 1460 9142 012

**APS IBAN:**
MT31APSB7705 7006 0638 2000 0834 148
Numru tal-Kont: 2000 0834 148

**HSBC IBAN:**
MT05MMEB4458 7000 0000 5803 0875 050
Numru tal-Kont: 0580 3087 5050

Tagħti donazzjoni lil Radju Marija permezz
tal-BOV Mobile App bin-numru 79453107.

***Radju Marija javża li jekk hemm ħwienet li għad għandhom bottijiet ta' donazzjonijiet fl-istabbiliment tagħhom, anki b'ammonti żgħar, Jikkuntattjawna u jħallu d-dettalji tagħhom mar-receptionists biex niġbru l-Bottijiet aħna.***

*Grazzi*

# Servizzi offruti minn Radju Marija

## Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, u kull nhar ta' Sibt fit-8.00am biss.

Importanti li l-avviżi jiġu ppreżentati fir-Reception ta' Radju Marija fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Min jippreżenta l-avviż irid ukoll jippreżenta l-karta tal-identità. Ma jiġux aċċettati avviżi permezz tat-telefon.

## Avviżi komunitarji mxandra kuljum fuq Radju Marija

Il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom huma mistiedna biex jibgħatu l-avviż sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel fuq info.mal@radiomaria.org

L-attivitajiet għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.

---

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

40, Triq San Vinċenz Ferreri,
ir-Rabat, Malta RBT 2503

+356 2145 3105

info.mal@radiomaria.org

Radju Marija Malta

www.radjumarija.org
VO/1584